**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 6 ta' Frar 2025**

**<u>Rikors guramentat nru : 265/21 AGV</u>**

**Dr.Christine Bellizzi ghan-nom u in rappreżentanza ta' MM**
**Vs**
**PGP**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors Ġuramentat ta' Avv. Christine Bellizzi nomine fejn ippremettiet is-segwenti :-**

1. Illi miż-żwieġ bejn M M   u l-konvenuta twieled tifel – A  (data tat-twelid 20.01.2015).

2. Illi  MM  u l-konvenuta kienu infirdu legalment permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-24 ta’ Marzu 2017. Skond l-istess kuntratt il-kura u kustodja ta’ binhom minuri ġiet fdata f’idejn il-Mara, filwaqt illi r-Ragel kellu jkollu  ‘*free and unfettered access*’.

3. Illi fil-fatt l-aċċess ta’ MM   għal ibnu minuri A,  qed jiġi ostakolat u mfixxkel u konsegwentement mhuwiex qed jingħata l-opportunita jibni relazzjoni ma’ ibnu minuri u dan a detriment tal-minuri stess.

4. Illi minkejja li saru tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim bonarju anki tramite l-proċedura ta’ medjazzjoni, ma intlaħaq l-ebda ftehim.

5. Illi l-partijiet ġew awtorizzati sabiex jipproċedu bil-kawża skond id-digriet markat dokument ‘A’.

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:-

1. Tiffissa u tirregola l-aċċess ta’ MM  għal ibnu minuri A sew waqt li l-istess  MMma jkunx qiegħed Malta, kif ukoll meta  MM jivvjaġġja lejn Malta, liema aċċess għandu jkun mingħajr il-presenza tal-konvenuta u/jew familja tagħha u jinkludi *sleep-overs*.

2. Tordna lill-konvenuta tagħti l-aċċess lil MM   għal binhom minuri hekk kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tawtorizza lil M M jieħu lill-minuri A  barra minn Malta għal btajjel u żjarat lill-familja paterna u dan taħt il-kundizzjonijiet imposti minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tagħti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq fl-aħjar interess tal-minuri.

   Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri kollha inkorsi mill-attriċi nomine kontra l-konvenuta nġunta minn issa in subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Ġuramentata ta' P G P tas- 7 ta' Marzu 2022 fejn eccepit is-segwenti :-**

1) Illi ma huiex ghalhekk oppost illi l-mandant tar-rikorrenti *nomine* jkollu aċċess xieraq għall-minuri ibnu u dan kif gja gara regolarment meta l-missier kien jigi Malta. Ghalhekk ghat-talba biex il-Qorti taghti l-access ghall-minuri lill-mandant tal-attrici, il-konvenuta ma ghandhiex oġġezzjoni.

2) Illi jekk l-mandant tal-attrici jrid issa jirregola l-aċċess illi huwa jgawdi sabiex ikun eżerċitabbli fi ġranet u f'ħinijiet speċifiċi, l-esponenti ma topponix (kif ma opponietx meta kien ġej f'Diċembru 2021), b'dan illi tali aċċess irid jirrispetta l-ħinijiet ta' l-iskola u ta' l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, u b'dan illi biex l-aċċess jiġi regolat b'dan il-mod jeħtieġ illi l-missier jobbliga ruħu dwar meta se jiġi Malta sabiex jeżerċita tali aċċess fis-sens illi ma jkunx imħolli biss f' idejn il-missier illi jara t-tifel meta jkun komdu għalih iżda jkun għal periodi ta' aċċess miftiehma jew ordnati illi għalihom il-missier jiżgura illi jattendi.

3) Illi jiġi rilevat illi l-azzjoni proposta hija msejsa fuq l-allegazzjoni illi l-konvenuta ma żammetx stipulazzjonijiet kuntrawattali. Għalhekk l-attur

huwa prekluż milli jitlob illi jigi akkordat drittijiet mhux riservati lilu fl-istess kuntratt. Fid-dawl ta' daqshekk it-talbiet dwar safar u aċċess elettroniku huma opposti, appuntu għaliex ma humiex maħsuba fil-kuntratt invokat mill-attur f' din l-istanza.

4) Illi fir-riward tat-tielet talba, jiġi eċċepit preliminarjament illi proċeduralment dina l-Onorabbli Qorti lanqas biss tista' teżamina t-tielet talba, billi r-regolament numru 10 tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jippreskrivi li talba simili għandha tiġi ddikjarata fl-ittra li permezz tagħha jintalab il-ftuħ ta' proċeduri ta' medjazzjoni, f'dan il-każ l-ittra tal-medjazzjoni kienet possibilment tkopri l-ewwel u t-tieni talba, iżda ma saret l-ebda talba sabiex il-minuri jkun jista' jiġi ordnat isiefer mal-missier kontra kwantu provdut fil-kuntratt tas-separazzjoni.

5) Illi dwar it-tielet talba fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-konvenuta topponi mingħajr riżervi li jiġi ordnat illi l-minuri jsiefer ma' missieru, billi l-missier huwa minn Lebanon u hedded ripetutament illi kien se jieħu lil ibnu l-Lebanon u li l-konvenuta qatt ma kienet se tarah iżjed, filwaqt illi l-partijiet ftehmu kjarament fil-kuntratt tas-separazzjoni, illi l-minuri għandu jitrabba f'Malta, għaldaqstant kwalunkwe ordni li tippermetti lill-missier isiefer lill-minuri tkun tippermettilu li jattwa tali pjan illegali tiegħu, billi l-mument li l-minuri jkun barra minn Malta ma' missieru, fi kwalunkwe pajjiż anke jekk ikun ġewwa l-Unjoni Ewropea, tinħoloq sitwazzjoni fejn il-missier ikun jista' jieħu lill-minuri lejn il-Lebanon minkejja kull kundizzjoni li tista' timponi dina l-Onorabbli Qorti, u dina l-Onorabbli Qorti f'dak l-istadju titlef kull ġurisdizzjoni sabiex tkun tista' tenforza t-treġġigħ lura tal-minuri lejn Malta.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1, L-attur ighid li qabel ma zzewwgu f'Mejju, 2010 kienu disposti li jitilqu minn Malta jekk isibu opportunitajiet ta' impjieg ahjar. Xorta kien baqa' jipprova jistabilixxi negozju hawn Malta, izda ma rnexxilux u ghalhekk meta nghatalu l-opportunita' li jsib impjieg ma' JTI (Japan Tobacco International) hadha.

Dan kien ifisser li kien ser ikun imsiefer fuq xoghol ghall-perjodi twal u dan l-attrici kienet tafu. L-attur jaghti rendikont tac-cirkostanzi li wasslu ghas-separazzjoni bejniethom.

Jinsisti li gie mgieghel jiffirma kuntratt ta' separazzjoni fejn suppost kellu jinghata access liberu ghat-tifel tieghu A . Ighid pero' li wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, qatt ma nghata l-access b'mod liberu, ghaliex kull meta talab l-access seta' jara lil ibnu biss fil-presenza tal-konvenuta jew ommha u b'hekk lanqas seta' jkollu *bond* ma' ibnu. Wara s-separazzjoni kien ghamel mezz li jigi lura Malta hames darbiet fis-

sena ghall-perjodu ta' gimgha. Kull darba li jigi Malta l-access kien illimitat, supervizjonat u kkontrollat.

Ighid li omm il-konvenuta kienet tiehu d-decizjonijiet fuq it-tifel taghhom, tant li lanqas kienet thallih jiehdu biex jara lill-familja tieghu l-Lebanon.

Qabel Ottubru, 2021 irnexxielu jottjeni digriet mill-Qorti sabiex jikkomunika mat-tifel kuljum permezz ta' telefonati , imma dan jiddependi skond il-burdata tal-konvenuta u kienet issib l-iskuzi sabiex ikellmu.

Meta f'Dicembru, 2021, il-Qorti ordnatlu access f'Jum Il-Milied, il-konvenuta nformatu li kellha l-Covid u kienu kollha kwarantina u ghalhekk spicca li lanqas ra lil ibnu wara li kien ilu ma jarah xi sitt xhur,

Ighid li sallum, l-attur ilu ma jara lil ibnu ghal sena u l-membri tal-familja tieghu rawh ftit xejn fuq perjodu ta' seba' snin. Ghalhekk qed jitlob lil dina l-Qorti sabiex jigi regolat l-access sabiex ikun jista' jibni rapport ma' ibnu.

F'affidavit ulterjuri, l-attur ighid li fil-mori tal-proceduri kien sar progress fis-sens li kien qed jinghata l-opportunita' ta' access regolari u dan qed iwassal sabiex jibni relazzjoni iktar soda ma' ibnu.

Madanakollu, il-konvenuta ma tridx taf li jinghata l-opportunita' li jivvjagga bil-minuri partikolarment sa Cipru sabiex jiltaqa' mal-kugini u z-zijiet u anke ommu tkun tista' tinzel hemm ghaliex iktar vicin mil-Lebanon milli tinzel Malta.

Jinsisti li m'ghandu l-ebda intenzjoni li jitlaq minn malta bit-tifel u dan iktar u iktar peress li huwa ghandu hafna konnessjonijiet ma' Malta,

huwa biss biss ikkunsidrat Malta u li ghandu interessi ta’ negozju hawnhekk. Hemm pjanijiet sabiex ikollu residenza permanenti hawn Malta u dan isehh meta l-*work permits* jippermettilu. Inoltre, ghadu kif dahal f’konvenju sabiex jixtri post hawn Malta. Il-kuntratt kellu jigi ffirmat fis- 6 ta’ Gunju, 2023.

2.Il-konvenuta tispjega li meta l-attur kien beda jahdem barra minn Malta, kienet tmur tarah darba fix-xahar.

Tichad li meta harget tqila kienu rrilokaw Malta. Tghid li minn dejjem kienu jghixu Malta u fil-fatt kellhom proprjeta’ u kienu qed ifittxu t-tieni proprjeta’.

Tispjega li qabel kien hemm problema bl-access peress li ma kienx hemm hinijiet fissi. Illi dan qed isir u huwa iktar facli ghaliha biex tirregolarizza l-gurnata.

Tikkonferma li kienet ilmentat li meta l-attur kien gie Malta ma kienx tah lill-minuri rigal tal-Milied, hlief portmoni tieghu, kif ukoll arlogg Rolex li kienet tappartjeni lill-familtu. Pero’ ma tinnegax li kienu tawh ukoll xi comics, hwejjeg u flus, izda t-tifel kien stqarr li dawn kienu gejjin minn nanniet u zijiet mhux mill-attur missieru.

Il-konvenuta tammetti li ukoll li fil-mori tal-proceduri kien hemm progress u qed jigi ristawrat ir-rapport bejn l-attur u l-minuri. Tispjega li meta l-attur ikun Malta t-tifel ikun mieghu ghall-gurnata shiha ghal kull jum li jkun hawn, izda lejn l-ahhar it-tifel jibda jgheja u jkun irid imur id-dar kmieni. Tghid li t-tifel huwa kuntent fil-*comfort zone* tieghu

ghalkemm fil-bidu meta jkun gej missieru jkun eccitat specjalment minhabba r-rigali.

Fuq perjodu ta' sentejn, tghid li kien hemm forsi erba' *sleepovers* biss. Meta jippruvaw, il-minuri jbiddel fehmtu u jkun irid imur jorqod id-dar.

Dwar safar mal-attur, tghid li t-tifel mhux ippreparat u jekk kemm il-darba semmiet xi haga dwar dan l-ivjaggar, it-tifel juri li ma jridx imur u ma jridx ikun boghod minn ommu. Huwa tip ta' tifel li huwa sensittiv u anke ihossu kuntent joqghod fl-ambjent li mdorri fih.

Tghid ukoll li l-minuri jixtieq li xi darba l-attur ikun mieghu ghall-gheluq sninu. Illum tghid li l-attur ghandu appartament Portomaso u meta jigi hawn Malta, it-tifel imur ghandu f'dan l-appartament, Tinsisti pero' li l-attur ghandu habta li jinzel Malta meta huwa konvenjenti ghalih, minghajr ma jaghti kaz dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri.

Illum tghid li l-attur jinzel Malta qisu darba kull tlett xhur. Tikkonferma ukoll li m'hemmx animosita' bejniethom, fis-sens jekk it-tifel ikun irid jitlaq l-attur jiehdu lura minghajr problemi.

3. **MP**, omm il-konvenuta tghid li ghall-ewwel tlett snin it-tifel minuri A kien ighix maghhom, flimkien mal-konvenuta u ghalhekk bnew relazzjoni tajba hafna ma' xulxin, Illum tghid li peress li l-konvenuta toqghod faccata taghhom, it-tifel ikun maghhom, sakemm il-konvenuta tigi lura mix-xoghol u tiehdu ghandha. Gieli jkun hemm granet fejn il-konvenuta tiehdu maghha d-dar mill-ewwel peress li tahdem mid-dar.

Tghid li l-minuri huwa tifel intelligenti u sensittiv hafna li jhobb ir-rutina. Ihobb anke li jkun hemm serhan tal-mohh. Tghid li jkun eccitat meta jkun gej missieru u jistennih, izda lejn l-ahhar tal-gimgha jkun herqan li

jerga’ jkollu r-rutina tieghu. Ikun hemm generalment *sleepover* wahda tul din il-gimgha izda tikkonferma li jkun hemm okkazzjonijiet fejn it-tifel ma jkunx irid jibqa’ ma’ missieru u jmur lura jorqdu go daru.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Access</u>**

Ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet dwar l-access ma kinux minn dejjem ward u zghar, Skond il-kuntratt ta’ separazzjoni li ffirmaw, l-access kellu jkun wiehed “free and unfettered.” Gara li billi jghix barra minn Malta kien qed isib hafna ntoppi da parti tal-konvenuta. Kienet issib xi skuza li t-tifel ma jkunx jista’ jkellmu.

Jekk kienet thalli jara lil ibnu kellu jarah fil-presenza taghha jew altrimenti xi membru tal-familja taghha.

Il-konvenuta tilmenta li hafna drabi l-attur kien jippretendi l-access fil-hinijiet u granet li kienu komdu ghalih. Kien anke jigi fiz-zmien meta t-tifel ikollu l-iskola, meta ftit wara jkollu xi vagnazi skolastici. Gie Malta u f’nofs l-access qabad u rega’ siefer ftit jiem fuq xoghol u anke rrifjuta li jzomm it-tifel ghandu meta kellu l-familjari tieghu jghixu mieghu fl-appartament tieghu.

Il-konvenuta tkompli ttenni li kienet tinsisti li jkun hemm access fil-presenza taghha u dan minhabba rari kienu jkunu flimkien bhala familja.

Dawn l-intoppi waslu lill-attur sabiex jibda bi proceduri quddiem dina l-Qorti u jekk ried jigi fiz-zmien il-Milied, jew fi zmien l-Ghid, ma kienx isib kooperazzjoni da parti tal-konvenuta u kien ghalhekk li fetah il-proceduri permezz ta' rikors kull darba sabiex jigi akkordatlu l-access.

Minn dan iz-zmien u cioe' wara z-zjara ta' Lulju, 2022, kien hemm numru ta' zjarat li ghalihom il-partijiet ikkooperaw biex ftehmu fuq skeda. Sahansitra kienu anke waslu ghall-ftehim dwar *sleepovers.*

Dwar l-i*sleepovers* il-partijiet jaqblu li t-tifel ikun kuntent jorqod ma' missier fil-bidu li jigi Malta, izda lejn l-ahhar tal-gimgha jkun ghajjien minhabba li jkun biddel ir-rutina tieghu. Inoltre, it-tifel minuri huwa tifel li jhobb li joqghod fil-*comfort zone* tieghu u ghalhekk kemm il-darba juri x-xewqa li ma jorqodx ghand missieru, hadd ma jinsisti mieghu u minghajr problemi, l-attur jiehdu lura ghand ommu.

Il-Qorti ezaminat il-proposti tal-attur rigward l-access waqt il-vaganzi kif ukoll waqt il-granet tal-iskola. Bhala premessa hemm li jistghu jaqblu bejniethom dwar l-access mod iehor, pero' fin-nuqqas ta' ftehim tenut kont ta' dak propost mill-attur, kif ukoll dak proposti mill-konvenuta, l-access ghandu jigi ezercitat fis-segwenti mod kemm il-darba l-attur ikun qieghed Malta|:-

**<u>Waqt il-vaganzi skolastici</u>**

Nhar ta' Tnejn, u l-Erbgha bejn il-11 am sas-7.30 pm

Nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn id-12 pm sal- 4 pm

Nhar ta’ Sibt fil-5 pm sal-Hadd fid-9 pm u dan tal-anqas ghandu jsehh darba fix-xahar skond ix-xewqat tal-minuri

**Waqt il-granet tal-iskola**

Nhar ta’ Tnejn, Erbgha u Hamis minn wara l-iskola sas-7 30 pm, diment li t-tifel minuri ma jkollux xi attivitajiet extra-kurrikulari jew Muzew, li f’tali kaz ikun irid jiehdu l-attur u jirritornah id-dar.

Nhar ta’ Sibt mill-5 pm sal-Hadd fid-9 pm u dan tal-anqas ghandu jsehh darba fix-xahar skond ix-xewqat tal-minuri

**Access Elettroniku**

Stante l-fatt li l-attur ma jghix Malta u konsegwentement ma jistax ikun hawn Malta l-hin kollu, huwa gust kif jipproponi hu li jkun hemm access elettroniku. Il-Qorti taqbel illi l-access ghandu jigi ezercitat kull nhar ta’ Tnejn, Tlieta u Hamis bejn l-4.30 pm sal-4.45 pm u kull nhar ta’ Erbgha bejn il-5.15 u l-5.30 pm (hin ta’ Malta) u kull nhar ta’ Hadd mis-6.15 pm u s-6.30 pm (hin ta’ Malta).

Il-konvenuta mhux qed tikkontesta li jkun hemm granet u hinijiet fissi, anzi tinsisti li jkun ahjar ghaliha ghax tkun tista’ taghmel skeda. Ghalhekk in vista ta’ nuqqas ta’ opposizzjoni, dina l-Qorti ser tikkonferma dak propost minnha iktar ‘l fuq.

**Safar**

Jirrizulta pero' li fir-rigward tas-safar il-partijiet mhux daqshekk fuq l-istess livell. Ghalkemm l-attur jifhem il-preokkupazzjonijiet tal-konvenuta li jekk thallih isiefer lit-tifel mieghu hemm riskji li ma jingibx lura Malta u dan anke minhabba li l-Lebanon mhux pajjiz li huwa membru tal-Konvenzjoni tal-Aja u ghalhekk l-attur juzah ghall-vantagg tieghu. L-attur jinnega li dan ghandu intenzjoni li jahrab minn Malta ma' ibnu u dan iktar u iktar meta primarjament l-ambaxxatur tal-Libanu Andre' Borg ikkonferma li mhuwiex possibbli li wiehed mill-genituri japplika wahda ghall-passaport f'isem il-minuri. Inoltre, ghandu kull intenzjoni li jekk ix-xoghol tieghu jippermettilu jigi jghix Malta u fil-fatt akkwista proprjeta' hawn Malta Portomaso.

Il-konvenuta, apparti li ressqet l-eccezzjoni li dina l-Qorti m'ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni il-kwistjoni tas-safar u dan minhabba li meta effettviament ipprezenta l-ittra ta' medjazzjoni, l-attur qatt m'ghamel talba f'dan is-sens. Madankollu, dina l-Qorti ma taqbilx ma' dina t-tezi, stante kwistjoni ta' safar hija relatata mal-access u jekk kemm il-darba dina l-Qorti qed tidhol f'dan il-mertu, assocjat mieghu hemm ukoll kwistjonijiet ta' safar iktar tenut kont tal-fatt li l-attur ighix barra minn Malta.

In ogni caso, il-Qorti gharblet sew is-sottomissjonijiet tal-konvenuta fejn qed tinsisti li l-minuri ma jsiefirx ma' missieru. Il-Qorti taqbel li ghalissa t-tifel minuri huwa zghir u marbut hafna ma' ommu l-attrici. Di piu' jkun difficli ghalih jirrealizza jekk ikun hemm tentattiv sabiex jittiehed barra minn Malta. It-tifel ghandu jibda jigi ppreparat sabiex jibda jkun hemm safar ma' missieru, anke sabiex jiltaqa' mal-familjari tieghu. Li jmur btata l-Libanu jirrapprezenta riskju serju tenut kont tal-fatt li huwa pajjiz

fejn hemm riskji ta’ gwerra u ghalhekk mhux post adattat ghal istess minuri.

Inoltre, dina l-Qorti taqbel ukoll b’dak li ssottomettiet il-konvenuta u cioe’ li l-minuri jsibha difficli li jorqdu ghand missieru kull darba, tant li fiz-zmien senjtejn raqad biss erba’ darbiet u dan ghaliex ihossu iktar sikur meta jkun m’ommu, l-izjed peress li dik hija r-rutina u s-stabbilita’ f’hajtu. Jekk kemm il-darba t-tifel jirrifjuta li jorqod ma’ missieru, huwa facli sabiex tmur tigbru jew missierhu jirritornah u f’dan il-kuntest jidher li hemm gharfien da parti taz-zewg genituri u kooperazzjoni bejneithom sabiex dejjem iharsu l-interessi tal-istess minuri.

Il-Qorti tifhem ukoll il-preokkupazzjoni tal-konvenuta li jekk kemm il-darba t-tifel ikun barra minn Malta u ma jkunx irid jibqa’ hemmhekk ikun difficli sabiex igib lit-tifel Malta mill-iktar fis.

Ghalhekk, dina l-Qorti tinsisti li sakemm it-tifel jaghlaq 16-il sena, it-tifel ma jkunx jista’ jivvjagga ma’ missieru, izda wara li jilhaq din l-eta’ ikun intitolat li jsiefer darba ma’ missieru fil-vaganzi skolastivi, ghall-perjodi ta’ mhux izjed minn gimgha. Ghal dan il-ghan ghandu jinhareg passaport limitatament ghal dan il-vjagg, wara li l-attur ikun informa lill-konvenuta bi pjanijiet tieghu ta’ dan il-vjagg u dan a spejjes tal-attur. L-avviz tal-ivvjaggar ghandu jinghata tal-inqas xahrejn qabel il-vjagg.

Fl-ahharnett, l-attur ghandu jobbliga ruhu li l-minuri jaghmel kuntatt tal-anqas darbtejn f’gurnata ma’ ommu, kif ukoll jaghraf lill-konvenuta bid-dettalji tal-ajrupolani, il-lukandi jew kwalsiasi post fejn ser ikun ser jirrisjedi l-attur.

Dan kollu jibqa' japplika sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod iehor.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiffissa u tirregola l-access ta' MM ghal ibnu minuri A skond dak li gie deciz fl-intestatura "Access."

2. Tilqa' t-tieni talba attrici skond dak li gie deciz fl-intestatura "Access."

3. Tichad it-tielet talba attrici u tillimitaha skond kif gie deciz fl-intestatura "Safar."

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u timponi l-kundizzjonijiet relatati mal-access, kif ukoll rigward is-safar.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Registratur**